MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 124/2001/1

**Raymond u Louise konjuġi Ciappara**

***Versus***

**Alfred u Antonia konjuġi Zammit**

F’din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta’ sittax-il elf u ħames mitt lira (Lm16,500) – daqs tmienja u tletin elf, erba’ mija u erbgħa u tletin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€38,434.66) – flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż b’titolu ta’ radd ta’ self.

Il-qorti rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi – wara ħafna premessi u talbiet li ma għandhom ebda relevanza għall-proċess – effettivament talbu illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jroddulhom self ta’ sittax-il elf u ħames mitt lira (Lm16,500) u jħallsu l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji. Rat ukoll illi l-atturi kienu talbu illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda din it-talba kienet

miċħuda b'dikriet tat-8 ta' Marzu 2001, u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. mis-somma lilhom mislufa l-konvenuti ħallsu "somom konsiderevoli" għax ħallsu mgħax ferm ogħla minn dak li tagħti l-liġi – saħansitra bis-sittin fil-mija fis-sena (60% *p.a.*) – u għalhekk dak li tħallas żejjed bħala mgħax illegali għandu jinqata' mill-kapital; u

2. bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, jaqblu illi għandhom jagħtu lill-atturi madwar tlitt elef u tmien mitt lira (Lm3,800), daqs tmint elef, tmien mija u wieħed u ħamsin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€8,851.62).

L-atturi qalu illi s-self sar f'diversi okkażjonijiet. Il-konvenuti kienu għarfu għaxart elef lira (Lm10,000) b'kitba tat-8 t'Ottubru 1998, iżda kienu sselfu aktar flus f'okkażjonijiet oħra mingħand l-atturi. L-atturi qalu wkoll illi qabel dawn l-okkażjonijiet kienu silfu wkoll elf lira (Lm1,000) b'imgħax ta' ħamsin lira (Lm50) fix-xahar, li jiġi daqs sittin fil-mija fis-sena (60% *p.a.*); dak is-self kien intradd. Kienu silfu wkoll somom oħra b'imgħax ta' għoxrin fil-mija fis-sena (20% *p.a.*) u ħamsa u għoxrin fil-mija fis-sena (20% u 25% *p.a.*). B'kollox l-atturi jgħidu li silfu dsatax-il elf, disa' mija u sittax il-lira (Lm19,916) li minnhom il-konvenuti raddew tlitt elef u erba' mitt lira (Lm3,400). Fil-kitba ta' għarfien tad-dejn kien jitniżżel l-imgħax bħallikieku parti mill-kapital misluf. Għalhekk, ftit li xejn tista' toqgħod fuq il-kitbiet.

Effettivament, l-atturi jammettu illi kienu jisilfu b'użura. Għalhekk irridu naraw kemm tassew silfu lill-konvenuti u kemm raddew il-konvenuti, sabiex il-kontijiet jinħadmu mill-ġdid. Waqt is-seduta tal-11 t'April 2002 il-konvenuti qablu li kienu sselfu dsatax-il elf, mija u sittax il-lira (Lm19,116) – tmien mitt lira (Lm800) anqas minn kemm qalu l-atturi, iżda ma jaqblux li raddew biss tlitt elef u erba' mitt lira (Lm3,400).

Billi għalhekk, ħlief għad-differenza ta' tmien mitt lira (Lm800), hemm qbil dwar kemm silfu l-atturi lill-konvenuti, l-oneru huwa fuq il-konvenuti biex jagħmlu prova tal-ħlasijiet lura skond il-prospett minnhom preżentat fis-26 ta' Marzu 2004.

Sabiex igħinha fl-analiżi tal-provi, il-qorti, wara li ngħalaq il-ġbir tax-xiehda, ħatret perit tekniku b'dikriet tat-3 ta'

Marzu 2005, u l-perit ħalef ir-rapport tiegħu fil-21 ta’ Frar 2006.

Il-qorti taqbel mal-perit legali illi, waqt illi hemm prova, bl-ammissjoni tal-konvenuti stess, illi dawn issellfu dsatax-il elf, mija u sittax il-lira (Lm19,116), ma hemmx prova li sselfu tmien mitt lira (Lm800) oħra.

Inqisu issa l-ħlasijiet magħmula mill-konvenuti.

Il-partijiet xejn ma jaqblu fix-xiehda u fil-verżjonijiet tagħhom, u l-qorti taqbel mal-perit legali illi ebda waħda mill-partijiet ma hija ta’ min joqgħod fuqha. Għalhekk nistgħu noqogħdu biss fuq provi oġġettivi, indipendenti mill-kelma tal-partijiet.

Jidher illi l-prassi tal-konvenuti kienet li jisselfu somma b’imgħax għoli, jagħmlu ħlasijiet akkont, iżda jkomplu jissellfu aktar milli jkunu ħallsu biex hekk id-dejn dejjem jikber. Kienu jisselfu mhux biss mingħand l-atturi iżda wkoll mingħand terzi.

Il-konvenuti fittxew li jagħmlu prova tal-ħlas lill-atturi billi jippreżentaw kopji ta’ *cheques* li igħidu li bihom saru l-ħlasijiet. Dawn iċ-*cheques*, iżda, huma fil-biċċa l-kbira pagabbli lil terzi, u ma hemm ebda prova li twasslek biex tgħid illi dawn il-ħlasijiet lil terzi saru fl-interess ta’ l-atturi jew li indirettament saru lill-atturi. Anzi, il-fatt illi l-konvenuti kienu jissellfu wkoll mingħand terzi jġiegħlek taħseb li kienu għamlu ħlasijiet lil terzi wkoll.

Il-prova bil-kopji taċ-*cheques*, għalhekk, ma tiswiex.

Bħal fil-każ tal-prova tas-self, il-qorti jkollha għal darb’oħra toqgħod fuq l-ammissjoni, din id-darba mill-atturi, li rċevew bi ħlas tlitt elef u erba’ mitt lira (Lm3,400).

Għalkemm l-imputazzjoni ta’ ħlas għandha ssir lill-imgħax qabel il-kapital, fil-każ tallum, minħabba l-inattendibilità tax-xiehda, ma huwiex possibbli li jsiru konteġġi li tista’ toqgħod fuqhom. Għalhekk, il-qorti sejra tqis illi l-ħlasijiet saru kollha akkont tal-kapital, bla ma tqis l-imgħaxijiet ħlief minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju.

Meta taqta’ ħlas ta’ tlitt elef u erba’ mitt lira (Lm3,400) minn self ta’ dsatax-il elf, mija u sittax il-lira (Lm19,116), jifdal bilanċ ta’ ħmistax-il elf, seba’ mija u sittax-il lira (Lm15,716), daqs sitta u tletin elf, sitt mija u tmien euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€36,608.43).

Għalhekk il-qorti taqta’ l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi sitta u tletin elf, sitt mija u tmien

euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€36,608.43) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

Billi iżda ma huwiex xieraq illi l-konvenuti jħallsu spejjeż żejda provokati minn talbiet żejda fiċ-ċitazzjoni, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż tar-reġistru għandhom iħallsuhom l-atturi. Fiċ-ċirkostanzi, u billi temmen illi l-ħtija kienet mhux ta' l-atturi iżda ta' l-avukat (dak li ħejja u iffirma ċ-ċitazzjoni, mhux dak li llum jippatroċinja lill-atturi), il-qorti ma hijiex sejra timponi spejjeż addizzjonali taħt il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------